*NULLITA TAL-KONTRO-TALBA*

*PARAGRAFI TAD-DIKJARAZZJONI MHUX ENUMERATI*

*TALBA NIEQSA*

*DANNI EX CONTRACTU*

*ARBITRIO BONI VIRI*

*IMGHAX*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## IMHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 22 ta' Marzu 2018

**Kawza Numru : 31**
**Citazzjoni Numru : 354/2001/LSO**

**Paul Caruana**

**vs**

**Global Executive Search (Malta) Limited, Rudolphe Gaerty, Ronald Gearty u Ondine Gaerty**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 2 ta' Marzu 2001 fejn l-attur espona:-

Illi diversi snin ilu, l-attur kien beda u avvja attivita` kummercjali konsistenti fl-ufficcju rapprezentattiv f'Malta tas-socjeta` estera M.S.I. International (gia` S.C.I. (U.K.) Limited) in konnessjoni mal-gestjoni ta' negozju ta' *headhunting agency* sabiex tidentifika kandidati potenzjali u tikkonkludi kuntratti in konnessjoni ma' impieg fis-settur bankarju, finanzjarju u setturi ohra fis-suq internazzjonali;

Illi permezz ta' Skrittura Privata datata 16 ta' Gunju 1997, li kopja taghha hi annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. A, l-attur kien ittrasferixxa lill-konvenut Rudolphe Gaerty, l-imsemmija attivita` kummercjali, bil-kundizzjonijiet u modalitajiet hemm indikati, u senjatament id-dritt tal-attur ghall-hlas minghand il-konvenut Rudolphe Gaerty, ta' kummissjoni in konnessjoni mal-*placements* kollha maghmula mill-istess konvenut Rudolphe Gaerty;

Illi minn kalkolazzjonijiet maghmula mill-attur irrizulta illi l-konvenut Rudolphe Gaerty kien qed ihallas biss frazzjoni mill-kummissjoni dovuta lill-istess attur *ai termini* tal-imsemmija Skrittura Privata (Dok. A);

Illi ghalhekk fit-23 ta' Frar 1998, l-attur kien intavola proceduri gudizzjarji fl-ismijiet "Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty" (Cit. Nru. 369/98/AJM), liema proceduri ghadhom pendenti quddiem din il-Qorti, u wkoll talab u ottjena l-hrug ta' Mandati Kawtelatorji in konnessjoni mal-istess;

Illi permezz ta' ittra datata 14 ta' Frar 2000 mibghuta minn MSI International lill-konvenut Rudolphe Gaerty, u kkopjata lill-attur, li kopja taghha hi annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. B, is-socjeta` MSI International ipprezentat ruhha illi kienet qieghda tittermina l-licenzja moghtija lill-konvenut Rudolphe Gaerty sabiex jopera ghan-nom taghha kif fuq premess;

Illi l-kontenut tal-imsemmi ittra, kemm in kwantu l-allegata terminazzjoni u kif ukoll ir-ragunijiet ghall-istess, gew immedjatament ribattuti mill-attur, skont ma jidher mill-ittra mibghuta ghan-nom tieghu, li kopja taghha hi annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. C;

Illi sussegwentement, irrizulta minn ricerki maghmula mill-attur illi, fil-fatt, in-negozju kollu ta' MSI International baqa' kontinwament u interrottament, u ghadu fil-fatt qieghed jigi gestit f'Malta taht id-direzzjoni diretta tal-konvenut Rudolphe Gaerty, izda flok fil-kwalita` personali tieghu, *tramite* s-socjeta` konvenuta Global Executive Search (Malta) Limited;

Illi kif jidher mill-iStatut tas-socjeta` konvenuta Global Executive Search (Malta) Limited, li kopja tieghu hi annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. D, l-azzjonisti

tal-istess socjeta` konvenuta huma l-konvenuti Ronald Gaerty u Ondine Gaerty, missier u oht il-konvenut Rudolphe Gaerty, illi b'danakollu jirrizulta fil-fatt illi m'ghandhom l-ebda konnessjoni mal-gestjoni tan-negozju *de quo,* li hija kollha kemm hi fdata direttament f'idejn il-konvenut Rudolphe Gaerty, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi jidher ghalhekk illi s-socjeta` konvenuta Global Executive Search (Malta) Limited giet kostitwita manifestament u unikament bl-intiza illi jigu eluzi, b'mod frawdolenti, il-pretensjonijiet tal-attur, ga` dedotti gudizzjarjament, kif fuq premess;

Illi ghalhekk il-*placements* kollha maghmula mis-socjeta` konvenuta Global Executive Search (Malta) Limited, in kwantu maghmula bi skop frawdolenti, ghandhom jigu komputati fl-ammonti dovuti lill-attur *ai termini* tal-iSkrittura Privata (Dok. A);

Illi *inoltre* l-agir frawdolenti hawn fuq premess jikkomporta r-responsabbilta` personali wkoll tal-konvenuti Ronald Gaerty u Ondine Gaerty;

Illi ulterjorment, f'dawn ic-cirkostanzi ta' frodi, il-konvenuti kollha ghandhom jigu tenuti responsabbli *in solidum* bejniethom ghall-hlas tal-ammonti kollha li jirrizultaw bhala dovuti lill-attur *ai termini* tal-iSkrittura Privata (Dok. A) fil-kawza fl-ismijiet "Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty" (Cit. Nru. 369/98/AJM);

Illi ghalhekk dina il-kawza hija konnessa mal-istess kawza fl-ismijiet "Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty" (Cit. Nru. 369/98/AJM) u ghandha tigi mismugha kontestwalment maghha *ai termini* tal-Artikoli 792 u 793 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Ighidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex: -

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta` konvenuta Global Executive Search (Malta) Limited qieghda tagixxi u tigi utilizzata sabiex jigu eluzi, b'mod frawdolenti, il-pretensjonijiet tal-attur *ai termini* tal-iSkrittura Privata tas-16 ta' Gunju 1997, kif fuq premess;

2. Tiddikjara u tiddeciedi konsegwentement illi l-*placements* kollha maghmula mis-socjeta` konvenuta Global Executive Search (Malta) Limited gew maghmula b'intenzjoni frawdolenti f'dak li jikkoncerna l-attur, u ghalhekk ghandhom jigu debitament komputati ghall-finijiet tal-kalkolazzjonijiet tal-kummissjoni dovuta lill-attur *ai termini* tal-istess Skrittura Privata tas-16 ta' Gunju 1997;

3. Tillikwida, *occorrendo* bl-opera ta' periti nominandi, l-ammont totali ta' kummissjonijiet dovuti lill-attur mis-socjeta` konvenuta Global Executive Search (Malta) Limited, kif fuq premess;

4. Tiddikjara u tiddeciedi konsegwentement ghat-tieni (2) talba hawn fuq indikata, illi l-konvenuti Rudolphe Gaerty, Ronald Gaerty u Ondine Gaerty huma

personalment responsabbli *in solidum* bejniethom ghall-hlas tal-ammonti kollha pretizi mill-attur *ai termini* tal-iSkrittura Privata tas-16 ta' Gunju 1997 u li jirrizultaw dovuti kemm fil-kawza fl-ismijiet "Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty" (Cit. Nru. 369/98/AJM) u kif ukoll in segwitu ghar-raba' (4) talba hawn fuq maghmula.

5. Tikkundanna lill-konvenuti kollha *in solidum* bejniethom ghall-hlas tal-ammonti kollha li jirrizultaw dovuti lill-attur kemm fil-proceduri fl-ismijiet "Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty" (Cit Nru 369/98/AJM) u kif ukoll in segwitu ghat-tielet (3) u r-raba' (4) talbiet hawn hekk maghmula.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-Mandati Kawtelatorji u interessi legali kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-25 ta' April 2001.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Global Executive Search (Malta) Limited datata 15 ta' Marzu 2001 (fol 31) fejn esponiet :

1. Illi t-talbiet tal-attur fil-konfront tal-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi l-konvenuta esponenti ma ghandha ebda relazzjoni guridika mal-attur u *stante* illi ma hemm l-ebda ness bejn il-konvenuta esponenti u l-attur li taghti lok illi t-talbiet tal-attur jigu milqugha u ghaldaqstant ghandha tigi

liberata mill-osservanza tal-gudizzju, b'riserva ta' kwalsiasi azzjoni ghad-danni spettanti lill-esponenti, inkluzi d-danni rizultanti mill-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 477/01 u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 476/01 ghal tliet mitt elf lira kull wiehed.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Ronald Gaerty u Ondine Gaerty datata 15 ta' Marzu 2001 (fol 40) fejn esponew :

1. Illi t-talbiet tal-attur fil-konfront tal-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi l-konvenuti esponenti ma ghandhom ebda relazzjoni guridika mal-attur u *stante* illi ma hemm l-ebda ness bejn il-konvenuti esponenti u l-attur li taghti lok illi t-talbiet tal-attur jigu milqugha u ghal daqstant ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju, b'rizerva ta' kwalsiasi azzjoni ghad-danni spettanti lill-esponenti.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Rudolphe Gaerty datata 9 ta' April 2001 (fol 44) fejn espona :

1. Illi preleminarjament, l-ewwel talba attrici hija guridikament insostenibbli *stante* illi din Onorabbli Qorti bhala Qorti Civili m'ghandhiex il-kompetenza tikkonverti lilha nnifisha f'Qorti Kriminali biex tiddikjara u tiddeciedi

allegat agir frawdolenti, u ghalhekk l-eccipjenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur.

2. Illi wkoll *in linea* preliminari u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-intempestivita` ta' dawn il-proceduri *stante* l-fatt li l-attur ga qed jiddeduci l-istess pretensjoni tieghu fil-konfront tal-esponenti quddiem din l-Onorabbli Qorti, diversament ippreseduta, permezz tac-Citazzjoni Numru 369/98 AJM fl-ismijiet "Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty" li qed tigi kkontestata mill-esponenti.

3. Illi wkoll *in linea* preliminari u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez *stante* l-fatt li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi hekk kif jidher minn notifika li saret mill-Vici President tas-socjeta` estera M.S.I. International (gia S.C.I. (UK) Limited) lill-attur Paul Caruana, nhar is-sitta (6) ta' Gunju 1997, li kopja taghha hi annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. A, l-inkarigu ta' l-attur bhala institur kien gie terminat konsegwenza tal-imsemmija ittra.

4. Illi fit-tieni lok, minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-esponenti m'ghandu jaghti l-ebda ammont lill-attur ghaliex l-attur kellu relazzjoni guridika diretta mas-socjeta` estera MSI International f'dak li jirrigwarda xoghol u obbligi pendenti li sar qabel id-data effettiva tal-imsemmija skrittura privata, u ghaldaqstant l-ebda hlasijiet li kienu jaqghu taht 'old activity', kif ser ikun trattat, ma gew mghoddija lill-esponenti, tant li l-attur kien infurmat mis-socjeta` estera li x-xoghol kollu pendenti bejniethom kien ser jitqies "per our agreement" (per Dok. A).

5. Illi fit-tielet lok, ukoll minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-esponenti gia ghadda lill-attur il-kummissjoni ta’ hames punti percentwali (5%) dovuta lilu a bazi tal-Iskrittura Privata datata 16 ta’ Gunju 1997 msemmija fl-att tac-citazzjoni ghal dak li jirrigwarda xoghol li sar mid-data effettiva ‘l quddiem li jaqghu taht ‘new activity’, hekk kif jirrizulta minn ‘Statement of Account’ kompilat mill-fuq imsemmija socjeta` estera, li kopja tieghu hi annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. B.

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

**Rat il-kontro-Talba tal-konvenut Rudolphe Gaerty a fol 46 tal-process fejn espona:**

Illi nhar is-16 ta' Gunju 1997, in virtu ta' l-iskrittura privata msemmija fl-att tac-citazzjoni, l-attur obbliga ruhu li jittrasferixxi lill-esponenti *in toto* attivita` kummercjali konsistenti fl-ufficcju rapprezentattiv hawn Malta tas-socjeta` estera MSI International, li n-natura ta' l-attivita' hija wahda ta' *head hunting*, ghall-kunsiderazzjoni finanzjarja kontemplata fis-seba' artiklu ta' l-imsemmija skrittura privata.

Illi minhabba l-agir xejn responsabbli u xejn professjonali, u ghal kollox kontra s-"smooth transition" rikjesta mis-socjeta` estera MSI International kif ukoll kontra dak miftiehem fl-imsemmija skrittura privata, in-nuqqasijiet ta' l-attur Paul Caruana wasslu biex fl-14 ta' Frar 2000, MSI

iddecidew illi isimhom ma jibqax konness bl-ebda mod ma' Paul Caruana.

Illi ghar-ragunijiet fuq premessi, MSI International itterminaw l-institura tal-konvenut esponenti Rudophe Gaerty u konsegwentament gie terminat anke l-impjieg tal-impjegati tal-MSI f’ Malta.

Illi t-telf ta' rapprezetazzjoni tas-socjeta` estera MSI Inlternational hija attribwibbli unikament ghall-agir irresponsabbli u xejn professjonali ta' l-attur.

Illi minkejja li l-attur, permezz ta' l-imsemmija Skrittura Privata, obbliga ruhu li jonera, permezz ta’ hlas, il-kontijiet kollha pendenti sas-16 ta' Gunju 1997, l-attur naqas milli jirrispetta tali obbligi, tant Ii l-linji tat-telefon li ssir referenza ghalihom fit-tielet artikolu ta' l-imsemmija skrittura nqatghu, b’ konsegwenza li l-konvenut esponenti Rudolphe Gaerty ma setax jopera.

Illi l-attur ikkrea sitwazzjoni fejn is-setup trasferit permezz ta' l-imsemmija skrittura privata ma setax jopera kif mistenni, u tali nuqqas kien intiz sabiex itellef u jfixkel lill-konvenut esponenti mill-obbligi tieghu bhala istitur tas-socjeta` estera MSI lnternational.

Illi l-irresponsabbilta` ta' l-attur permezz tal-agir vessatorju tieghu qieghed fil-frattemp jippregudika s-sitwazzjoni ta' xoghol u l-ghixien ta' l-esponenti Rudolphe Gaerty.

Illi l-esponenti jemmen li soffra danni u bata' konsiderevolment finanzjarjament minhabba n-nuqqas serju da parti ta' l-attur, kif fuq kontemplat;

Ghaldaqstant jghid l-esponenti ghaliex din l-Onorabbli Qorti, prevja okkorrendo dikjarazzjoni, m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut esponenti sofra finanzjarjament minhabba nuqqas serju da parti tal-attur, kif fuq premess;

2. Tillikwida, *occorrendo* bl-opera ta' periti nominandi, l-ammont hekk soffert mill-konvenut, kif fuq premess;

3. Tikkundanna u tordna lill-attur jhallas lill-konvenut is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra l-attur li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenut ghall-kontro-talba tal-konvenut Rudolphe Gaerty datata 8 ta' Mejju 2001 (fol 63) fejn espona :

1. Illi t-talbiet rikonvenjenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-konvenut rikonvenjenti *stante* illi l-azzjoni rikonvenjenti, kif proposta, hija insostenibbli peress illi ma hix preceduta minn talba *ad hoc* ta' dikjarazzjoni ta' responsabbilta' tal-attur rikonvenut, skont il-Ligi.

2. Illi ulterjorment u minghajr pregudizzju ghall-premess, id-deskrizzjoni generika ta' *"agir vessatorju" u "nuqqasijiet"* kontenuta fil-premessi tal-kontro-talba proposta mill-konvenut rikonvenjenti, ma tikkostitwixix il-kjarezza ta' fatti rikjesta mil-Ligi ghall-validita` tal-att propost mill-istess konvenut rikonvenjenti.

3. Illi wkoll minghajr pregudizzju ghall-premess, jirrizulta ulterjorment illi d-Dikjarazzjoni annessa mal-kontro-talba proposta mill-konvenut rikonvenjenti mhix enumerata skont il-Ligi, u ghalhekk hemm lok ghad-debita korrezzjoni.

4. Illi wkoll minghajr pregudizzju ghall-premess, fil-mertu jigi eccepit illi ma hemm assolutament l-ebda azzjoni kolpuza u/jew doluza tal-attur rikonvenut li tista' b'xi mod, direttament jew indirettament, taghti lok ghat-talbiet rikonvenjenti.

5. Illi ghalhekk isegwi illi t-talbiet rikonvenjenti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-konvenut rikonvenjenti, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut Rudolphe Gaerty datata 25 ta' Mejju 2001 a fol 67 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tal-attur datata 16 ta' Ottubru 2001 a fol 70 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Jannar 2002 (fol 75) mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn

l-Avukati tal-partijiet trattaw ulterjorment dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Rudolphe Gaerty u l-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza dwar l-istess eccezzjoni ghall-11 ta' April 2002; u l-verbal tas-seduta tal-25 ta' Settembru 2003 (fol 100) fejn inghatat sentenza *in parte*, fejn il-Qorti kif diversament presjeduta : *"**Tichad l-ewwel eccezzjoni** tal-imharrek Rudophe Gaerty, bl-ispejjez kontrih, u tiddikjara li hija ghandha s-setgha li tisma' l-kawza mressqa mill-attur; u **Tordna** li s-smigh tal-kawza jissokta bil-gbir tal-provi u trattazzjoni."* (fol 86 *et seq*).

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Dicembru 2003 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta (fol 101) fejn Dr. Wayne Pisani ghall-konvenut Rudolphe Gaerty irtira t-tieni eccezzjoni tal-konvenut. Fid-dawl ta' din id-dikjarazzjoni sar qbil bejn il-partijiet u l-Qorti ordnat illi l-attur iressaq provi dwar l-ewwel, it-tieni u r-raba' talbiet attrici.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur Paul Caruana datata 18 ta' Novembru 2005 a fol 427 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` Global Executive Search (Malta) Limited, Ronald Gearty u Ondine Gaerty datata 16 ta' Jannar 2006 a fol 440 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut Rudolphe Gaerty datata 16 ta' Jannar 2006 a fol 457 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Jannar 2003 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn Dr. Edward

Zammit Lewis, Dr. Lennart Depasquale u Dr. Wayne Pisani ddikjaraw li ma fadlilhomx aktar sottomissjonijiet xi jzidu man-noti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' April 2006; u l-verbal tas-seduta tal-31 ta' Ottubru 2012 mizmuma quddiem l-istess Qorti kif diversament presjeduta fejn il-kawza baqghet differita ghall-istess skop ghall-14 ta' Frar 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 (fol 484) fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Frar 2013 mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn ordnat illi l-kawza tigi differita ghall-Hamis 30 ta' Mejju 2013 ghall-istess skop tal-verbal precedenti; u l-verbal tas-seduta tat-30 ta' Mejju 2013 fejn meta ssejhet l-kawza deher Dr. Matthew Bondin ghall-attur prezenti u Dr. Edward Debono li assocja ruhu fil-patrocinju tal-attur. Il-Qorti nnotat li t-traskrizzjoni tax-xhieda li hemm referenza ghaliha a fol 322 tal-process fil-verbal tad-19 ta' Frar 2004 ta' Astrid Farrugia, Edwin Mallia u Ronald Gaerty ma jinstabux fil-process. Il-Qorti ordnat li l-process jigi rikostruwit u tat lid-difensuri tal-partijiet 15-il gurnata biex jivverifikaw jekk ghandhomx kopji ta' din ix-xhieda u jindikaw dan permezz ta' nota. Deher Dr. Schembri ghas-socjeta` konvenuta. Il-kawza giet differita ghas-27 ta' Gunju 2013 ghall-informazzjoni ulterjuri dwar dan il-punt u l-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza ghal dan il-ghan; u rat il-verbali tas-27 ta' Gunju 2013 u tal-15 ta' Ottubru 2013 fejn il-Qorti giet informata li x-xhieda li hi indikata fil-verbal tat-30 ta' Mejju 2013 ma instabitx. Fic-cirkostanzi Dr.

Edward Debono talab li jinghata l-awtorizzazzjoni li jipproduci dawn l-imsemmija xhieda. Il-Qorti laqghet it-talba u ddifferixxiet l-kawza ghat-28 ta' Novembru 2013 fil-11:00a.m. sabiex jitharku l-istess xhieda. Dr. Debono talab li jigi ezentat milli jerga' ihallas l-ispejjez tar-Registru. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat komunika ta' dan il-verbal lid-Direttur (Qrati u Tribunali Civili).

Rat in-nota ta' Paul Caruana datata 21 ta' Novembru 2013 a fol 496 tal-process li biha iddikjara li huwa ghalaq il-provi tieghu u irrinunzja ghall-produzzjoni ta' Astrid Farrugia, Edwin Mallia u Ronald Gaerty.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Novembru 2013 fejn meta issejhet il-kawza deher Dr. Lennart Deqasquale ghas-socjeta` Global Executive Search (Malta) Ltd rapprezentata minn Roland Gearty, u deher ukoll l-attur Paul Caruana assistit minn Dr. Daniel Buttigieg. Dr. Depasquale ha konjizzjoni tan-nota tal-attur ipprezentata fil-21 ta' Novembru 2013 u qabel li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Marzu 2014.

Rat il-verbali tas-seduti tas-27 ta' Marzu 2014 u tas-26 ta' Gunju 2014 fejn meta issejhet il-kawza ma deher hadd. Il-Qorti qrat is-sentenza *in parte* fejn: -

"*din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li **Tilqa'** l-eccezzjoni tal-konvenuti Ronald u Ondine Gaerty fis-sens li huma mhumiex il-legittimi kontradditturi ghat-talbiet attrici u konsegwentement tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju; **Tilqa'** l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta Global*

*Executive Search (Malta) Limited fis-sens li mhix il-legittimu kontraddittrici ghat-talbiet attrici u konsegwentement tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju;* ***Tilqa'*** *l-eccezzjonijiet rimanenti tas-socjeta` konvenuta u* ***Tichad*** *l-ewwel, it-tieni u r-raba' talbiet attrici billi dawn huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*B'riserva lill-konvenuti ghal kull dritt lilhom spettanti skont il-Ligi.*

*L-ispejjez jithallsu mill-attur.*

*Il-Qorti tordna li l-kawza tissokta fuq it-talbiet rimanenti tal-attur u fuq it-talba rikonvenzjonali."*

Il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni sabiex il-partijiet jirregolaw ruhhom fuq it-talbiet rimanenti u fuq it-talba rikonvenzjonali tal-konvenut ghall-14 ta' Otturbu 2014.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Rudolphe Gaerty datata 31 ta' Jannar 2018 a fol 564 tal-process.

Rat il-verbali kollha tas-seduti mizmuma inkluz dak tal-Hamis, 16 ta' Novembru 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehru l-attur u Dr Lennart Depasquale. L-attur Paul Caruana ddikjara li mhux assistit minn avukat izjed, u li m'ghandux interess li jitlob assistenza bl-ghajnuna legali, u iddikjara li m'ghandux aktar provi. Il-Qorti spjegatlu li l-kawza galadarba jiddikjara li l-provi jkunu maghluqa tibqa' ghas-sottomissjonijiet, li jistghu jkunu anke fuq punti legali, izda l-attur talab li l-kawza tibqa' ghas-sentenza xorta

wahda. Dr Depasquale talab terminu biex jipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet. Is-Sur Caruana ddikjara li l-indirizz tieghu ghal skop ta' notifika hu: 709, Madliena Village, Triq il-Fortizza, Madliena. Il-Qorti awtorizzat lill-intimat Rudolphe Gaerty biex jipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu sat-30 ta' Jannar 2018 u hallet il-kawza ghas-sentenza in difett ostakolo ghat-22 ta' Marzu 2018 fid-9:30a.m. u ordnat lill-Assistenta Gudizzjarja sabiex tirritorna l-process.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza titratta t-tielet u l-hames talba tal-attur u t-Talba Rikonvenzjonali tal-intimat.

Illi b'din il-kawza, l-attur qed jitlob il-likwidazzjoni u hlas ta' ammonti dovuti lilu b'*commissions* mill-intimati skont skrittura privata datata s-16 ta' Gunju 1997. Hu jallega li l-jeddijiet tieghu gew eluzi frawdolentement bl-agir tas-socjeta` konvenuta, kif ukoll bl-ghemil doluz tal-konvenuti l-ohra u qed jitlob, konsegwentement li jigu dikjarati responsabbli *in solidum* ghall-ammonti pretizi, liema ammonti ghandhom jirrelataw ghall-*placements* kollha maghmula mis-socjeta` konvenuta skont l-iskrittura imsemmija.

Illi kif gja premess, uhud minn dawn it-talbiet gew michuda u jifdal it-tielet u l-hames talbiet u cioe`:

*3. Tillikwida, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, l-ammont totali ta' kummissjonijiet dovuti lill-attur mis-socjeta` konvenuta Global Executive Search (Malta) Limited, kif fuq premess;*

*5. Tikkundanna lill-konvenuti kollha in solidum bejniethom ghall-hlas tal-ammonti kollha li jirrizultaw dovuti lill-attur kemm fil-proceduri fl-ismijiet "Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty" (Cit Nru 369/98/AJM) u kif ukoll in segwitu ghat-tielet (3) u r-raba' (4) talbiet hawn hekk maghmula.*

Illi b'konsegwenza tas-sentenza preliminari ta' din il-Qorti tas-26 ta' Gunju 2014, is-socjeta' konvenuta kif ukoll Ronald u Ondine Gaerty gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju. Kwindi it-tielet talba ma tistax tregi in kwantu hija diretta kontra is-socjeta' Global Executive Search (Malta) Limited.

Illi permezz tal-hames talba, l-attur qed jitlob il-kundanna *in solidum* ta' Rudolphe Gaerty *in solidum* mal-intimati l-ohra gja estromessi mill-kawza. Effettivament jirrizulta li hemm gja proceduri istitwiti kontra Rudolphe Gaerty li gew decizi fil-mori minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-16 ta' Frar 2018. Din il-konsiderazzjoni hija rilevanti ghat-tieni eccezzjoni sollevata minn Rudolphe Gaerty dwar l-intempestivita' tat-talbiet in kwantu li huma identici ghat-talbiet dedotti f'dawk il-proceduri.

Illi fit-talba rikonvenzjonali, annessa man-nota tal-eccezzjonijiet, l-intimat Rudolph Gaerty ipprezenta talba kontra l-attur fejn talab dikjarazzjoni tat-telf finanzjarju soffert, il-likwidazzjoni tad-danni sofferti, u konsegwentement gie mitlub li l-attur jigi kkundanat ihallas dawn id-danni.

Fir-risposta tieghu ghall-kontro-talba, l-attur rikonvenut wiegeb preliminarjament, li t-talba rikonvenjenti m’ghandhiex il-kjarezza tal-fatti rikjesti mil-ligi, mhijiex enumerata, u mhijiex preceduta minn talba *ad hoc* ghar-responsabbilta` tal-attur. Fil-mertu, l-attur laqa’ billi sostna li m’hemm l-ebda azzjoni kolpuza/doluza da parti tal-attur rikonvenut li setghet taghti lok ghat-talbiet rikonvenjenti,

kwindi gie eccepit li t-talbiet rikonvenjenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

**<u>Fatti:</u>**

Jirrizulta li kien sar ftehim datat 16 ta' Gunju 1997, esebit bhala Dok A, (fol 7-12) bejn il-partijiet bejn l-attur u l-intimat Rudulph Gaerty, fejn gie trasferit in-negozju ta' *headhunting agency* taht il-licenzja tas-socjeta` estera MSI International, gja SCI UK Ltd. versu l-hlas ta' kummissjoni ghall-*placements* li jsiru ghall-perjodu tal-ftehim. Irrizulta, li permezz ta' ittra esebita a fol 50 tal-process, datata 6 ta' Gunju 1997, giet terminata n-nomina ta' Paul Caruana bhala institur ta' din l-attivita` kummercjali u konsegwentement gie mahtur l-intimat Gaerty bhala institur. Jirrizulta mill-provi, li MSI International m'ghadx ghandha konnessjoni ma' Malta sa minn Frar 2000. Illi matul l-operat tal-attivita' kummercjali, sakemm dam imexxi l-operat l-attur, hu rcieva il-hlas mis-socjeta` MSI u sussegwentement minn SCI UK Ltd. Illi l-attur ipproceda bil-kaz odjern ghall-hlas ta' kummissjonijiet li hu rritjena huma dovuti lilu. Permezz ta' kontro-talba l-intimat Gaerty, sostna li Paul Caruana thallas dak kollu dovut lilu, u li minhabba l-inadempjenza tieghu mal-obbligi tal-ftehim, fosthom li jhallas il-linji tat-telefon imsemmija fil-ftehim, l-intimat issubixxa danni konsegwenza tan-nuqqas ta' ottemperanza tal-attur.

**<u>Provi:</u>**

B'riferenza ghal dak li hu rilevanti ghal kaz in ezami **Paul Caruana** xehed permezz ta' affidavit li jinsab ezebit a fol. 108 tal-process **(Dok PC)**.

Huwa spjega li kien hu li originarjament introduca f'Malta l-isem ta' *Search Consultants International (SCI)* ghall-habta tas-sena 1994.

Ix-xoghol ta' SCI huwa dak li jissejjah *head hunting,* socjeta` bbazata primarjament fl-Amerika, b'numru ta' ferghat f'postijiet ohrajn, b'ufficcju principali wkoll f'Londra. Ix-xoghol tal-SCI fuq skala internazzjonali, jithaddem billi kull ufficcju jkun responsabbli li jaghmel in-negozju f'*area* geografika definita. Fil-kaz ta' Malta setghu joperaw fit-territorju ta' l-Ewropa.

Huwa beda jopera bhala SCI Malta permezz ta' arrangament li kien lahaq ma' Joe Wiggins, li dak iz-zmien kien jokkupa l-kariga ta' *Vice President Europe* ta' l-SCI. Dlonk, kellu jlesti l-ufficcju b'numru ta' linji telefonici, b'apparat u ghamara adegwata u jiddentifika *account executives,* li jahdmu principalment fuq it-telefon sabiex jiddentifikaw impjegati u impiegi possibbli.

Il-ftehim kien li hekk kif jigi kkonfermat impieg ghal kandidat prospettiv, SCI Malta tibghat *billing form* lil SCI London bid-dettalji kollha. L-ufficcju ta' SCI Londra johrog il-kont relattiv li kien ikun ekwivalenti ghal 35% tas-salarju ta' l-impjegati u din tithallas minn ghand min ikun ser ihaddem. Jekk jithallsu l-flus, kienu jigu maqsuma 60% lill-ufficcju ta' Malta u 40% lill-ufficcju ta' Londra. Barra minn hekk, l-ufficcju ta'

l-Ingilterra kellu jhallas ghall-ispejjez kurrenti ta' l-ufficcju f' Malta.

Meta sussegwentement zdied ix-xoghol, gie miftiehem li t-tqassim isir in kwantu 80% lill-ufficcju Malta u 20% l-ufficcju ta' l-Ingilterra, u l-ispejjez korrenti jigu ssopportati mill-ufficcju Malta.

Xi kultant, l-ufficcju ta' Londra kien jibghat xi avvanzi akkont tal-kummissjonijiet dovuti Malta ghall-*placements* li jkunu saru, li kienu jittiehdu lura meta SCI Londra kienet tithallas tax-xoghol.

Bdew in-negozjati biex issir it-trasferiment tal-attivita' kummercjali ta' 'headhunting', izda ma sarx qbil fir-rigward tal-prezzijiet. Fl-ahhar spicca jintervjeni l-Vici President sabiex ikun hemm *"a smooth transition".*

Xi ftit jiem wara, gie konkluz il-ftehim li jgib id-data tas-16 ta' Gunju 1997. Dan kien jipprovdi, *inter alia,* ghat-trasferiment ta' l-attivita' kummercjali segwita mill-SCI Malta, u dan versu l-kunsiderazzjoni ta' tletin elf Lira Maltin (Lm30,000) bhala hlas, kif ukoll 5% tal-hlasijiet kollha generati mill-*placements* li jsiru Malta ghall-perjodu ta' hames snin u tliet xhur. Il-*placements* kollha konkluzi wara d-data tal-ftehim, li jkunu pero' originaw minn kuntatti u xoghol li kienu ga saru qabel id-data tal-ftehim kellhom jibqghu jithallsu bir-rata ta' 80% u 20%.

Il-problemi bdew ezatt wara li gie ffirmat il-ftehim. Rudolphe Gaerty beda jinsisti li kien hemm xi hlasijiet li kienu

ghadhom dovuti mill-attur lill-*account executives*. Ghaddiet korrispondenza bejniethom u anke saru xi laqghat sabiex jaslu ghal xi fethim bejniethom, izda kien kollu ghal xejn.

It-talbiet tal-attur huma s-segwenti, dejjem *ai termini* tal-iskrittura privata tas-16 ta' Gunju 1997 u cioe`:

1) Hlasijiet lilu dovuti fuq bazi ta' 80% mid-dhul generat mill-*placements* indikati fid-dokumenti annessi ma' l-iskrittura privata tas-16 ta' Gunju 1997.

2) Il-bilanc ta' hlasijiet lilu dovuti mid-dhul generat mill-*placements* li gew konkluzi wara s-16 ta' Gunju 1997, izda li originaw minn kuntatti u xoghol li kienu ga saru qabel id-data tal-ftehim u li kellhom jibqghu jithallsu lilu bir-rata ta' 80% u li taghhom thallas biss bir-rata ta' 5%.

3) Hlasijiet lilu dovuti bir-rata ta' 5% fuq *placements* totalment godda li ma gewx dikjarati lilu.

Sussegwentement, l-attur esebixxa affidavit ulterjuri **(Dok PC2)** li jinsab esebit a fol. 130 tal-process fejn xehed li fit-23 ta' Frar 1998, fetah proceduri ohra l-Qorti fl-ismijiet "***Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty"*** *(Citazzjoni Numru: 369/98/JRM).*

Xi sentejn wara li fetah l-kawza, ircieva ittra (**Dok B** annessa mac-citazzjoni) ndirizzata lil Rudophe Gaerty, bid-data ta' l-14 ta' Frar 2000, mis-socjeta` estera MSI International, fejn kien hemm miktub li s-socjeta` kienet se

ttemm il-licenzja ta' Rudolphe Gaerty li hu akkwista minn ghand Paul Caruana permezz ta' l-iskrittura privata tas-16 ta' Gunju 1997, peress illi MSI kienet se twaqqaf l-attivita' ta' *head-hunting* fl-Ewropa u l-Asia u anke peress li ma rieditx tassocja ruhha ma' Paul Caruana peress li hu kien qed ifittex lil Rudolphe Gaerty.

Din l-ittra hasbitu hazin lil Paul Caruana u fil-fatt wiegeb permezz ta' ittra mibghuta mill-konsulent legali f'dan ir-rigward. (***vide*** **Dok C** anness mac-citazzjoni).

Mill-indagini li ghamel l-attur, Rudolphe Gaerty kien baqa' jmexxi n-negozju ta' *'head-hunting'* gewwa Malta ghan-nom ta' MSI International, izda l-kumpanija *Global Executive Search (Malta) Limited* kienet qieghda taghmel din l-attivita'.

**Rudolphe Gaerty** xehed quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2005 (a fol. 389 tal-process).

Huwa xehed li fi Frar tas-sena 2000, l-kumpanija SCI (sussidjarja ta' MSI li kellha impjegati jahdmu Malta) u li maghha hu wkoll kellu relazzjoni ta' xoghol, temmet l-operazzjonijiet taghha fit-territorju Malti. Dan hu sar jaf bih peress illi kien ircieva *termination notification* minghand SCI, li jinsab ezebit a fol. 57 tal-process.

Spjega li l-ftehim ta' Gunju 1997 kien wiehed li sar bejnu u l-attur Paul Caruana. Huwa tal-fehma li peress illi l-posizzjoni tieghu giet mitmuma minn SCI/MSI, *'allura kull*

*rabta bejni u l-attur ntemmet'* (*vide* klawsola 7.3 tal-ftehim). Spjega li l-ftehim kellu zewg ghanijiet, biex jirregola t-tmexxija tan-negozju fiz-zmien ta' transizzjoni bejn dak iz-zmien li kien se jhalli hu u z-zmien li dahal fiha hu. Ukoll sabiex jigu rrangati il-modalitajiet ta' hlas ladarba hu kien ga nghata l-licenzja biex jopera minn *MSI* sabiex jiehu f'idejh l-infrastruttura ta' dak in-negozju.

Qal li l-kumpanija *R&R* ma kellhiex x'taqsam ma' *head hunting,* imma kienet involuta fil-*pay roll.* Ukoll, l-impjegati li jidhru fid-dokument li jinsab a fol. 133 u 134 tal-process kellhom rabta diretta ma' *MSI* u ma kienux impjegati ta' *R&R.* Ghalhekk, minkejja li d-dokument jaghti wiehed x'jifhem li n-nies imsemmija kienu kollha impjegati mal-kumpanija *R&R,* fil-kaz ta' kull wiehed mill-*account executives* kien hemm ftehim, li minkejja li tintuza t-termini *employment* dan fil-fatt kien *self employment.* Fiz-zmien meta kien qed imexxi hu, mhux dejjem kien jigi redatt ftehim bil-miktub u dana peress li kien isir ftehim verbali ma' *accounts executives.*

Iddikjara li ma kienx minnu li l-infrastruttura, inkluz it-taghmir ta' ufficini li hu kellu qabel, gew mghoddija lil Kumpanija *Global Executive Search* u dana peress illi kull assi ta' dik l-infrastruttura kienu soggetti ta' Mandati Kawtelatorji mahrugin mill-attur. Anke l-linji tat-telefon gew maqtugha peress li l-kontijiet ma thallsux. Barra minn hekk, ma kien hemm xejn fiz-zmien ta' Frar tas-sena 2000 mill-assi jew benefikati imsemmijin fil-ftehim li sar f'Gunju 1997 li kien ghadu ghad-disposizzjoni tieghu f'dik id-data.

Forsi kien hemm xi ufficcju li kien mikri, izda ukoll minhabba dawk il-proceduri, l-access ma kienx disponibbli.

L-assi li kienu s-suggett ta' mandati kawtelatorji nqabbdu mill-ufficcju ta' Tas-Sliema. L-assi li nqabbdu mill-ufficcju ta' Burmarrad kienu proprjeta' kwazi esklussiva tal-Kumpanija konvenuta *Global Executive Search (Malta) Ltd,* bhala s-successuri ta' *R&R Ltd.*

*Global Executive Search* taghmel xoghol f'territorji ta' l-akbar pajjizi fid-dinja, izda m'ghandiex ufficcju f'Londra, "*u lanqas ma tezisti xi kumpanija affiljata li taghmel xoghol ta' head-hunting flimkien ma' Global Executive Search u li hija bbazata f'Londra".*

**Eric Lindburg,** President u Chief Executive Officer ta' *MSI International* sa minn April tas-sena 1968 xehed[1], fir-rigward tar-relazzjoni bejn *SCI UK* u *MSI International* li *SCI* xi darba kellha ufficini f' Malta u li llum hija *'dormant corporation'.* Huwa qal li *MSI* m'ghadx ghandha konnessjoni ma' Malta fir-rigward nies li timpjega, u dan minn Frar 2000.

B'referenza ghal pagna 57 tal-process huwa qal li kienu waqfu milli jimpjegaw nies fl-Ewropa u permezz ta' dan id-dokument kienu qed jinfurmaw li r-relazzjoni ma' Rudolphe Gaerty kienet qed tigi terminata, mhux peress illi ma kellhomx fiducja fih, izda ma hadux gost b'dak li kien qed jigri bejnu u bejn Paul Caruana.

---

[1]Seduta tal-5 ta' Ottubru 2005 bil-lingwa Ingliza (a fol. 400 tal-process) mizmuma quddiem din il-Qorti diversament preseduta.

Qal li l-*account executives* kellhom kuntratt ma' *SCI* u *d-data* kien il-proprjeta' ta' *SCI.* Il-kontijiet kienu jmorru Londra u Londra kienet tibghat kont lill-klijent u tigbor il-flus, imbaghad Londra kienet terga' tibghat il-flus lil Malta. Il-flus kien ikun kkontrollat minn Gordon Ralph ic-*Chartered Accountant* f'Londra.

L-impieg ta' Paul Caruana kien gie terminat peress illi tilfu l-fiducja fih.

*MSI* kienu jafu bl-arrangament li Paul Caruana kellu ma' haddiehor u fil-fatt kienu huma stess li ghazlu lil Rudolphe Gaerty. Kien hemm ukoll ftehim bejniethom li 5% jithallsu lil Paul Caruana minn Londra.

Huwa qal li d-dhul tela' b'mod drammatiku meta Rudolphe Gaerty beda jmexxi.

Qal li *MSI* jew *SCI* m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-kumpanija konvenuta.

Ix-xhud qal illi l-pagamenti saru direttament lil Paul Caruana minn *MSI* u *SCI* fir-rigward il-ftehim li sar bejn Paul Caruana u Rudolphe Gaerty.

B'referenza ghad-dokumenti a fol 364 tal-process, huwa kkonferma li r-rikonciljazzjoni kienet tinkludi transazzjonijiet li saru kemm qabel kif ukoll wara li sar il-ftehim.

**Rudolphe Gaerty** xehed ukoll permezz ta' affidavit fejn qal li hu u Paul Caruana ffirmaw skrittura privatat esebita a fol 7-12 tal-process. Spjega li l-hatra tieghu wara t-terminazzjoni ta' Paul Caruana waslet biss konsegwenza ta' numru sostanzjali ta' 'billings off the books' li saru minn Paul Caruana, b'hekk Joe Wiggins u Eric Lindberg kienu offrewlu il-post ta' institur u hu accetta. Qal li gie miftiehem li kull attivita gdida (l-attivita` qadima kienet meqjusa ta' Paul Caruana), kienet ser tigi rikonoxxuta b'rata ta' 80% li minnhom kellhom jithallsu kummissjonijiet, kif jidher f'Dok CC22 anness.

Spjega li hu kien jifforma parti minn *team* ta' erba' account *executives* li kienu mmexxija minn Paul Caruana ghall-operat ta' SCI, u x-xoghol kienu jsir 19-il xahar qabel ma gie ffirmat il-ftehim. Spjega permezz ta' tabella kemm kienu jsiru telefonati, fejn saru 22,820 telefonati f'perjodu ta' hdax-il xahar. Spjega wkoll, li kien ikun hemm bzonn ta' numru kbir ta' telefonati 'getting the word out' sabiex kandidati jew klijenti interessati jaghmlu uzu mis-servizz taghhom. Spjega li meta avvicina lil Paul Caruana, l-accertazzjoni tan-numri telefonici, li ma jintilfux, kienu jissalvagwardjaw il-'goodwill' li kien inbena, fil-fatt fil-ftehim hija mnizzla bhala trasferiment ta' infrastruttura, *equipment* u krucjalment l-element ta' *goodwill*. Semma li jekk kellhom jintilfu n-numri telefonici dan kien ser jimpingi fuq il-'goodwill'.

Qal li l-allokazzjoni ta' 'consideration' ghall-ghamara u *equipment* kienet specifikatament Lm12,500 (Art 7.2 pag 11 tal-process), il-kera tal-ufficju ma kellhiex valur, izda l-

*'goodwill'* kellu jigi trasferit lilu ghal Lm30,000 (art 7.1 f'pag10 tal-process). Qal ukoll li biex isehh *'selling and transferring'* tal-*'goodwill pertaining to the business in its entirety'* (Art.1 pag 8 tal-process) dan kien l-obbligu principali ta' Paul Caruana, li ried jonora klawsola 3 tal-ftehim u naqas minn dan.

Zied ighid, li Paul Caruana, bi ksur tal-ftehim, baqa' ma ttrasferiex il-linji telefonici f'ismu, kif kellu jaghmel, b'hekk is-*subscriber* baqa' Paul Caruana. Qal li inizjalment Paul Caruana kien qal, li ghax kien hemm il-kontijiet x'jithallsu u hu ma kellux flus biex ihallshom, izda, fil-fatt Caruana kien thallas Lm30,000 mal-ftehim u pagamenti ohra li kollha jidhru f'pagna 382 tal-process, liema pagamenti gew ivverifikati minn Deloitte fil-prospett anness. In sostenn ghal dan esebixxa d-dokumenti Dok CC01 sa CC21, esebiti mill-Maltacom fil-kaz 629/02/JA.

Hu indika wkoll permezz ta' tabella, l-pendenzi tal-hlas tat-telefon fiz-zmien meta sar il-ftehim u l-pendenzi indikati mill-Maltacom. Fil-kaz 1234/98 Maltacom vs Paul Caruana, Paul Caruana qal li l-hlas tat-telefonati ma kinitx responsabbilta` tieghu izda ta' SCI. Semma wkoll li fil-kaz 692/02J/A Charles Attard impjegat tal-Maltacom esebixxa ittra datata 9 ta' Novembru 1997, minn Dr. Alex Perici Calascione li tghid li l-hlasijiet kellhom jigu mibghuta lilu, u cioe` lil Gaerty, ittra annessa Dok CC27. Semma li fix-xhieda tieghu Paul Caruana, fil-kaz 629/02/JA Paul Caruana qal, li ma ttrasferix il-linji ghax ma sarux il-hlasijiet minn Gaerty, izda Caruana ma riedx jitrasferixxi l-linji *nonostante* li kien hemm kont pendenti ta' Lm35,000.

Esebixxa Dok CC28, ittra tal-avukat ta' Caruana ghal ittra tieghu sabiex isir it-trasferiment u ssir tpacija, izda jidher li wara t-tentattiv tieghu ghat-trasferiment tal-linji, u ghal tpacija, it-trasferiment tal-linji baqa' ma sarx, li hija obbligazzjoni li Caruana naqas milli jonora.

Spjega li hu kien ikollu komunikazzjoni ma' Charles Attard tal-Maltacom, li kien iwissieh li jridu jithallsu l-pendenzi, liema pendenzi hu kien offra li jhallas, izda Paul Caruana, li kien ghadu s-*subscriber* kien irrifjuta. Qal li kien qata' qalbu li ser jigu trasferiti l-linji minn Caruana, ghalhekk ha passi biex ma jkomplix jibni aktar 'goodwill' ghax il-linji kienu ser jinqatghu.  Qal li ghalkemm ghamlu *star services* bir-*redirection*, dan opera biss sa meta nqatghu l-linji fit-13 ta' Ottubru 1998, u spjega li d-*database* li kellhom kien qabez l-10,000 kandidat fil-perjodu meta nqatghu l-linji.

Rigward il-ftehim, Paul Caruana kien jopera "license" moghtija lilu b'awtorizzazzjoni minn SCI UK.  Spjega li n-negozju kellu 'movable' u 'lease' u f'pagna 7 u 8 hu ddikjara lilu nnifsu '*desrious to transfer the entirety of the business activity'.*  Spjega li l-mertu tal-ftehim ma kienx li jigi trasfert il-*'headhunting'* dak kien u ghadu ta' SCI UK Ltd., izda l-infrastruttura li biha kien jitmexxa n-negozju.

Permezz tal-**artiklu 1,** spega li kellu jigi trasferit il-'license' u l-'goodwill' u referibbilment ghall-goodwill dan kellu  jigi trasferit permanentement, mhux temporanjament, b'hekk hu ma bbenifikax mill-'goodwill' wara Ottubru 1998, meta nqatghu l-linji minhabba l-agir ta' Paul Caruana.  Permezz tal-b qal, li bhala institur, Paul Caruana kien fil-pussess ta'

data, dokumenti, u direttorji li kollha huma proprjeta` ta' SCI mhux tieghu. Fl-artikolu 3, dwar ir-responsabbilta` tal-pagament ghas-servizzi, f'pagna 377 tal-process, hemm imnizzel, "Due by Paul at 16th June 1997", peress li dawn il-linji qatt ma thallsu, ghalkemm kien ircieva l-flus minghand SCI, u qatt ma sar it-trasferiment minn Paul Caruana, fuqu bhala l-institur sussegwenti. Spjega illi billi Caruana qatt ma ttrasferixxa l-linji, hallih biss jaghmel uzu temporanju minnhom sakemm inqatghu l-linji, b'telf kbir ta' investiment.

Fl-artiklu 4 u 5, dwar l-assenjazzjoni tal-kirja u l-ufficju, jirrizulta, li sar it-trasferiment tal-mobbli, izda minkejja l-bejgh Caruana ppretenda li kienet ghadha tieghu. Jirrizulta wkoll li kienu gew maqbuda b'Mandat ta' Qbid 751/98.

Skont l-artikolu 6, Caruana kien dovut minn SCI ammonti fuq *placements* naxxenti minn introduzzjoni bejn kandidat u klijent. Fuq ammonti dovuti SCI ghamlu *clawback* li jidher a fol 377, u dan jirrigwarda l-attivita` qadima bejn SCI u Paul Caruana, fejn tidher tabella hadra bl-attivita l-qadima, tabella safra bl-attivita l-gdida sad-data tat-13 ta' Ottubru 1998, filwaqt li t-tabella blu tindika *placements* konkjuzi wara li nqatghu l-linji.

Dwar l-artiklu 7 spjega, l-ammonti li gew imhallsa lil Paul Caruana minn SCI, fejn sar ezercizzju minn Deloitte wara konsultazzjoni ta' dokumenti necessarji li dawn il-hlasijiet u pagamenti lil Caruana gew effetwati.

Kompla jispega dwar il-ksur ta' obbligi ta' Paul Caruana rigward linji telefonici u 'goodwill', fejn qal li l-linji telefonici

kienu l-unika mezz ta' komunikazzjoni mal-klijenti u kandidati prospettivi. Semma li malli nqatghu l-linji kellhom ibiddlu l-ufficju ghaliex il-Maltacom irrifjutaw li johorgu servizz separat fl-istess ufficju. Dan sar konsegwenza tal-agir ta' Paul Caruana li ma hallasx l-kontijiet li kienu responsabbilta` tieghu u l-linji qatt ma gew trasferiti lilu, b'rizultat li l-uzu tal-linji gie terminat. Zied ighid, li dak il-'goodwill' li kien inbena matul il-ftehim sfaxxa peress li l-mezz telefoniku kien l-unika mezz sabiex klijenti jkunu jistghu jaghmlu kuntatt, b'rizultat li ntilef il-'goodwill' pre ezistenti qabel il-ftehim, u dak addizzjonali kien inbena matul il-ftehim.

Ghalhekk, gie spjegat, li d-dannu finanzjarju soffert minhabba li Caruana ma onorax l-obbligi tieghu jammontaw ghal Lm22,500, rapprezentanti 75 fil-mija tal-ammont ta' Lm30,000, l-ammont li thallas lilu fi hlasijiet bhala rigal ghac-cessjoni ta' negozju. Inoltre` qed jintalab ukoll 5% fuq l-ammont ta' £2,186,026.10 li gie konkluz wara d-data tal-qtugh tal-linji, jigifieri £108,401.31.

<u>**Eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-attur rikonvenjent bhala risposta ghall-kontro-talba**</u>

Illi gie eccepit preliminarjament fl-ewwel lok, li t-talba rikonvenjenti hija insostenibbli *stante* li mhijiex preceduta b'talba *ad hoc* ta' dikjarazzjoni ta' responsabbilta`, fit-tieni lok, li l-kontro-talba kif proposta, ma tikkostitwix il-kjarezza tal-fatti rikjesti mil-ligi. Fit-tielet lok, gie eccepit, li d-dikjarazzjoni annessa mal-kontro-talba mhijiex numerata.

Jigi osservat, li ghalkemm m'hemmx talba *ad hoc* ghar-responsabbilta` tal-attur b'referenza ghan-nuqqas ta' inadempjenza mal-obbligu kontrattwali, dak sostnut fil-premessi tal-kontro-talba, jitkellem dwar nuqqas da parti tal-attur li josserva l-artikolu 3 tal-Ftehim, esebit fil-process bhala Dok A. In segwitu, l-ewwel talba hija indirizzata primarjament ghad-danni, izda, allacjata ma' din l-ewwel talba hemm imnizzel li d-danni finanzjarji sofferti huma "*minhabba nuqqas serju tal-attur, kif fuq premess*." Illi din it-talba minnha innifisha timplika r-responsabbilta` *o meno* tal-attur, li trid tigi ezaminata minn din il-Qorti.

Hu principju assodat li l-Qorti, fl-ghoti tas-sentenza, tista' taghmel dawk id-dikjarazzjonijiet u taghti dawk id-decizjonijiet li jwasslu ghat-talbiet dedoti, u dan anke jekk mhux mitluba specifikament. Dawk id-decizjonijiet li huma implicitament marbuta mal-kaz u mehtiega b'mod preliminari ghal fini tat-talba, jistghu jinghataw mill-Qorti bhala implicitament necessarji ghal konkluzjoni li trid tasal ghaliha. Kif qalet din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza **Testaferrata Abela vs Azzopardi,** deciza fit-12 ta' Lulju 2007: *"Jista' allura jigri li kawzali, anke jekk mhux indikata, din f'certi kazi tkun hekk insita u involuta fid-domanda li ma hemmx bzonn li tigi espressa apparti".* Id-dikjarazzjonijiet li talvolta jkunu mehtiega biex l-atturi jaslu ghad-domanda taghhom m'hemmx bzonn li jsiru fir-rikors promotur taht forma ta' domandi ghax hu implicitu illi l-Qorti tista' taghti kull dikjarazzjoni mehtiega *(ara f'dan is-sens **Sgueglia vs Meilaq,** deciza mill-Qorti t'Ghawdex Gurisdizzjoni Superjuri fit-2 ta' Ottubru 2008)"* - **Joseph Schembri et vs Saviour sive Sammy Attard et. A.C.** - dec.fil-31 ta' Jannar 2014).

Hekk ukoll tagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Maltacom plc vs Angelo Schembri**[2], fejn ġie ritenut li:

*"in kwantu t-talba dikjaratorja preordinata għall-kundanna mhix rekwiżit "sine qua non" li mingħajrha l-avviż hu monk. Hi paċifiku fil-ġurisprudenza Maltija illi d-domanda tista' tiġi inferita u jew sostenuta "per equipollens" (**Vol XXXVI** pI p105). U billi d-domanda għall-kundanna għall-ħlas tas-somma tad-danni għandha impliċita fiha r-responsabilita` li tat lok għal dawk id-danni, ma hijiex irritwali d-domanda li biha tintalab il-kundanna mingħajr ma jkun hemm ukoll fl-Avviż it-talba għad-dikjarazzjoni tar-responsabilita`.Jinsab in fatti stabbilit illi "d-dikjarazzjonijiet li talvolta jkunu meħtiega biex l-attur jasal għal xi waħda mid-domandi tiegħu, m'hemmx bżonn li jsiru fiċ-ċitazzjoni taħt forma ta' domandi*." (Vol XXXIII pI p666)"

Referibbilment ghan-nuqqas ta' kjarezza fil-kontro-talba, din il-Qorti, minn qari tal-premessi fl-istess talba rikonvenzjonali, tislet, dak allegat fil-premessi, konness mal-agir tal-attur, b'rabta mal-ftehim iffirmat bejn il-partijiet, ossija Dok A esebit. Konsegwentement, it-talbiet fil-kontro-talba odjerna, huma allacjati u konnessi ma' dak premess b'mod li huwa ferm evidenti li qed jintalbu d-danni konsegwenza ta' dak allegat fil-premessi. Illi fil-mertu, l-istess attur eccepixxa, b'risposta ghal dan li mhuwiex hati ta' dolo jew/culpa, b'hekk it-talbiet fil-kontro-talba huma infondati. Dan ifisser li evidentement, l-attur fehem dak premess u dak mitlub fil-kontro-talba. Kwindi, mhuwiex lok,

[2] Qorti tal-Appelli Ċivili (Inferjuri) 16 ta' Diċembru 2002 (Imħallef P. Sciberras)

li din il-Qorti timxi b'formalita rigoruza, izda b'ekwipollenza, ladarba dan mhuwiex ta' pregudizzju ghall-kontro-parti, li fehem il-kontenut tal-kontro-talba in kwistjoni.

Illi kif gie spjegat hawn fuq issawret it-teorija maghrufa bhala "tal-ekwipollenti" li nisslet il-principju li m'hijiex mehtiega l-ebda ghamla tassativa ta' forma ghall-proposizzjoni ta' azzjoni **("M. Muscat noe vs Dr. J Cassar et nomine" –** P.A. 9 ta' Marzu 1965 – XLIX.ii.809) b'mod li citazzjoni ghandha titwaqqa' biss ghal ragunijiet gravi. **("R. Merola proprio et vs S. Caruso" –** A.C. 20 ta' Frar 1935 - XXIX.i.106).

Fis-sentenza **"Moore noe vs Falzon et"** P.A. 15 ta' Dicembru 1995) kien deciz li – *'ghalhekk gie ritenut illi l-ligi ma tirrikjedix kliem partikolari ghal kif ghandha ssir ic-citazzjoni, bizzejjed jiftiehem xi jkun qieghed jitlob l-attur, b'mod li l-kawzali tista' tkun espressa lakonikament, u sahansitra tista' tkun anki dedotta mid-domanda* (Kollezz. XXXIV.II.502, XXIX.I.431 u XXXII.I.228)". Ara wkoll **Mario Mizzi noe et vs Mario Grech noe et** PA – 3 ta' Ottubru 2003) fejn din il-gurisprudenza tinsab ukoll iccitata.

Rigward, it-tielet eccezzjoni preliminari, fejn gie dikjarat li d-dikjarazzjoni annessa mal-kontro-talba mhijiex numerata, l-**artikolu 398(2) tal-Kap 12 jiddisponi li** l-konvenut għandu, dwar il-kontro-talba jħares, kemm jista' jkun, ir-regoli stabbiliti b'dan il-Kodiċi jew b'xi liġi oħra għall-att proċedurali li bih il-proċedimenti kienu l-ewwel inbdew.

Ikkonsidrat li n-nullita` ta' att gudizzjarju hija proponibbli biss jekk jikkonkorru r-rekwiziti stabbiliti fl-**artikolu 789 tal-Kap 12** li jitkellem car dwar meta att gudizzjarju jista' jigi dikjarat null:

"(*1) L-eccezzjoni ta' nullita` ta' l-atti gudizzjarji tista' tinghata:*

*(a) jekk in-nullita` hija dikjarata mil-ligi espressament;*

*(b) jekk l-att jinhareg minn Qorti mhux kompetenti;"*

*(c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta' nullita`, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullita`, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort' ohra hlief billi l-att jigi annullat;*

*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarita` essenzjali espressament mehtiega mil-ligi."*

*"Izda dik l-eccezzjoni ta' nullita` kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c) u (d) ta' dan is-subartikolu ma tkunx tista' tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi."*

Illi kif gie ribadit minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz **Bernardette Gatt et vs Alessandro sive Sandro Cassano** ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell fit-29 ta' Mejju 2015:

*"Il-principji li jirregolaw l-applikazzjoni ta' dan il-provvediment gew konsistentement applikati minn dawn il-Qrati u essenzjalment jinkludu s-segwenti:*

*• Il-kazijiet fejn tista' tirnexxi l-eccezzjoni huma tassattivament dawk elenkati fil-fuq citat artikolu tal-Kap. 12.*
*• Citazzjoni ghandu jkun fiha tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba.*
*• Citazzjoni ma tigix skartata ghajr ghal ragunijiet gravi.*
*• Fejn ma hemmx kontradizzjoni ghall-ahhar bejn premessi u talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qorti trid tqis b'cirkospezzjoni l-eccezzjoni, il-kwalifika fil-kuntest ghandha tkun il-kjarezza tal-intenzjoni.*
*• L-oggett tal-kawza u r-raguni jridu jkunu mfissra cara.*
*• Premessi guridikament distinti u talbiet kontradittorji jwasslu ghan-nullita' tac-citazzjoni."*

Illi l-attur rikonvenzjonat qed jakkampa fuq l-artikolu 156 (1)(a) tal-Kap 12 li jiddisponi li d-dikjarazzjoni ghandha tigi imfissra f'paragrafi enumerati. Izda l-eccezzjoni tieghu ghandha tigi valutata fil-kuntest tal-prassi segwita minn dawn il-Qrati, anke a bazi tal-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-1995, inkluz l-Art.175 tal-Kap.12 li hija fis-sens li formalizmu ezagerat ilu hafna li gie mnaqqas u limitat (**"Fino vs Fabri noe"** – Qorti tal-Appell – 28 ta' Frar 1997) u konsegwentement l-atti ghandhom jigu salvati anziche' annullati jew dikjarati nulli. ("**Ellul vs Coleiro**" – Qorti tal-Appell – 24 ta' Jannar 1994). [Ara wkoll – "**Guillaumier Industries Ltd vs Fava et"** – Prim' Awla tal-Qorti Civili –

PA - RCP – 28 ta' Ottubru 1998, "**Attard noe vs Galea**" – Qorti tal-Appell – 12 ta' Mejju 1998 " – Vol.LXXVI.IV.666].

Hekk ad ezempju inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza **"Bonnici vs Zammit noe"** deciza fl-20 ta' Jannar 1986 fejn it-tifsira tal-Art.156(1) kienet spjegata hekk –

*"Illi l-Artikolu 156(1) jipprovdi li l-oggett u r-raguni tat-talba gudizzjarja ghandhom ikunu mfissra car u sewwa fic-citazzjoni. Dan ma jfissirx pero' li kwalunkwe nuqqas da parte ta' l-attur ghandu mill-ewwel jigi mehud fis-sens li qed imur kontra d-dispost ta' l-Art.155(1) [illum 156(1) tal-* Kap.12] *u ghalhekk igib mieghu n-nullita' tac-citazzjoni. Infatti biex citazzjoni tigi mwaqqfa jrid ikun hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx defungenti jew zbaljata b'mod li l-konvenut ikun jista' jigi pregudikat fid-difiza tieghu. Dan apparti li c-citazzjoni ghandha tigi ezaminata fit-totalita' taghha u* mhux spezzettata."

Konformi ma' dan il-hsieb gie ritenut fil-kawza "**Vella vs Cefai"** (Appell Civili – 4 ta' Novembru 1991 – Kollez. Vol.LXXV.II.467) il-Qorti tal-Appell sostniet li meta f`citazzjoni tezisti vjolazzjoni tal-forma in kontravvenzjoni tal-Art.156(1)(a) ghax ma jkunx fiha tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba, l-eccezzjoni tan-nullita' tac-citazzjoni tista' tigi milqugha biss kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet lill-parti li titlob in-nullita' pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort'ohra hlief billi l-att jigi annullat.

Illi l-mankanza tal-enumerazzjoni tad-diversi paragrafi fid-dikjarazzjoni certament m'ghandhiex twassal ghas-sanzjoni estrema ta' nullita' in kwantu ma ggib l-ebda pregudizzju ghall-attur.

**Ghalhekk, tichad l-ewwel tlett eccezzjonijiet preliminari tal-attur rikonvenut.**

**Kunisderazzjonijiet ta' Dritt:**

Rigward it-tielet talba tal-attur fir-rikors promotur, jigi osservat li ma tressqet l-ebda prova b'referenza ghall-kummissjonijiet vantanti mill-attur. Ghalhekk, fid-dawl tas-sentenza *in parte* datata 26 ta' Gunju 2014, u *in vista* tal-karenza ta' prova referibbilment ghal dak mitlub mill-attur, din il-Qorti tichad it-tielet u l-hames talba tal-attur u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri.

**It-talbiet rikonvenzjonali:**

Illi l-intimat Rudolphe Gaerty ipprezenta kontro-talba, fejn gie rilevat li b'konsegwenza tal-agir tal-attur, sofra danni, b'hekk dikjarazzjoni li huwa sofra d-danni u intalbet il-likwidazzjoni u konsegwenement il-kundanna tal-attur ghall-hlas tad-danni sofferti hekk likwidati. L-intimat irribatta billi sostna li mhuwiex hati ta' dolu jew/culpa diretti jew indiretti ghat-talbiet rikonvenjenti, b'hekk it-talbiet rikonvenzjonali huma infondati.

Jibda biex jinghad, li dak mitlub fil-kontro-talba huwa bbazat fuq ir-responsabbilta` kuntrattwali ezistenti bejn l-

attur u s-socjeta` MSI. Kwindi, ser tigi analizzata r-responsabbilta` kuntrattwali *ai termini* tal-ftehim datat 16 ta' Gunju 1997, esebit bhala Dok A, mar-rikors promotur.

Fl-ewwel lok, huwa pacifiku, li f'kaz ta' talba ghad-danni naxxenti minn responsabbilta *ex contractu*, trid issir il-prova minn min kellu favur tieghu l-obligazzjoni kuntrattwali, u l-inadempjenza fl-ezekuzzjoni tal-obligazzjoni. Fil-kaz **Av. Dr. Louis Cassar Pullicino noe vs Angelo Xuereb noe et**, P.A. deciza fit-3 ta' Lulju 2003, inghad:

*"F'azzjoni ta' din ix-xorta huwa l-konvenut li ghandu l-oneru ta' prova aktar difficli impost fuqu, stante li l-konvenut ghandu jiggustifika l-inadempjenza kontrattwali tieghu u jipprova li dik l-inadempjenza, jekk ikun hemm rizultat minhabba cirkostanzi li fuqhom ma kellux kontroll."* (Ara wkoll **Maggur Alfred Briffa et vs The Golden Shepherd Group Ltd. et**, P.A. deciza fil-31 ta' Ottubru 2013; **Christian D'Agostino et vs it-Tabib Ewlieni tal-Gvern**, P.A. deciza fid-29 ta' Jannar 2014).

F'dan il-kuntest, tajjeb li tigi senjalata d-differenza bejn *culpa aquiliana* u *culpa ex contractu*. Fil-kaz **Vassallo vs Mizzi et**, P.A. deciza fid-9 ta' April 1949 (Vol.XXXIII.ii.379) inghad illi *"l-htija meta tigi kkunsidrata fl-entita' taghha hija wahda; u taht dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunament imsejha aquiliana, li titnissel minn delitt jew kwazi delitt. Id-differenza bejniethom tinsab fil-kawza u fil-grad. In kwantu ghall-kawza, il-htija kontrattwali tippresupponi obbligazzjoni pre-ezistenti li maghha hija marbuta; mentri l-htija aquiliana tippresupponi*

*fatt li minnu titnissel 'ex nunc'. In kwantu ghall-grad id-differenza hija riposta fl-estensjoni tar-responsabbilta` fis-sens illi fil-kolpa kuntrattwali wiehed jista' jirrispondi ta' htija hafifa, skont il-kaz, mentri fil-kolpa aquiliana r-responsabbilta` testendi ruhha b'mod li dwarha ma hemmx grad."*

Illi fil-kaz **Adams Investments Company Ltd vs Fra Fen Construction Ltd.,** P.A. (JZM) deciza fid-19 ta' April 2012, gie ritenut:

*"Meta jkun hemm ksur ta' kuntratt, l-obbligat ikun responsabbli ghad-danni. Dawn id-danni jistghu ikunu jew konvenzjonali jew gudizzjali. Ta' l-ewwel huma danni pre likwidati, fejn il-kontraenti jiftehmu minn qabel, li f'kaz ta' ksur ta' kuntratt, id-danni rizarcibbli jkunu tant, kwantifikabbli, minn qabel."*

Fil-kaz in ezami, jirrizulta li kien hemm relazzjoni kontrattwali bejn l-attur u s-socjeta` estera fin-negozju permezz tal-kuntratt datat 16 ta' Gunju 1997, Dok A (fol 7-14). Permezz tal-ftehim Paul Caruana intrabat li jittrasferixxi lill-konvenut Rudolphe Gaerty *in toto* attivita' kummercjali konsistenti fl-ufficcju rapprezentattiv f'Malta tas-socjeta' estera MSI International, liema attivita' hija wahda ta' *head hunting.* It-trasferiment sar *verso* il-konsiderazzjoni finanzjarja stipulata bejn il-partijiet fis-7 artikolu tal-iskrittura.

Paul Caruana kellu wkoll jipprovdi l-infrastruttura, *id-database* ta' kuntatti, ufficju u linji telefonici, li kienu f'ismu ghalkemm mizmuma fl-interess tas-socjeta`.

Ghalhekk, huwa manifestament car, li dan huwa kaz ghal danni kuntrattwali. L-intimat qed jallega li l-attur ikkaguna danni minhabba nuqqas jew inadempjenza fit-twettiq tal-obbligazzjonijiet minnu assunti skont l-imsemmi ftehim anness mar-rikors guramentat.

Il-ftehim in kwistjoni, bejn il-partijiet, ighid li:

**Article One:**

*"The transferor is hereby selling and transferring unto and in favour of the Transferee, who under the same title is acquiring and accepting, the general business activity, licence and goodwill pertaining to the Business in its entirety;*

**Article Two**

*As from the effective date, the transferee, with the staff, will commence operations under his direct charge and control from the premises, having full and effective access to all relative records, documentation, client databases and comprehensive information and any and all other properties pertaining to the Business, both past and present, which will in their entirety, be passed on by the Transferor to the Transferee."*

Wara l-ewwel zewg artikoli, l-ftehim **fl-artikolu 3** jistipula hekk:

*"The transferor will be responsible for the payment of all telephone numbers water and electricity services and rentals and other services and debts, including but not limited to loans, overdrafts and other such commitments, incurred through the operation of the business up to the effective date."*

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-konvenut jghid li l-pern principali tat-talbiet rikovenzjonali tieghu huma:

a. It-telf tar-rapprezentazzjoni ta' MSI gewwa Malta;
b. Il-fatt illi l-linji u n-numri telefonici li minnhom kien jigi operat in-negozju mertu tal-kawza odjerna ma setghux jibqghu jintuzaw minnu.

Jirrizulta li fl-affidavit tieghu Rudolphe Gaerty, jelenka kull artikolu tal-ftehim, b'mod dettaljat. Referibbilment ghall-**artikolu 2** sucitat, jirrizulta li fil-qadi ta' dmirijietu l-attur kellu l-obbligu li jaghti "*full and effective access to all relative records, documentation, client databases and comprehensive information and any and all other properties pertaining to the business*." Jirrizulta li l-attur Paul Caruana dam institur sal-1997 imbaghad gie sostitwit b'Rudolphe Gaerty. Din l-obbligazzjoni jidher li twettqet mill-attur peress li Gaerty kompla hu jmexxi n-negozju minflok l-attur, u ghalhekk biex jiggestixxi n-negozju hu kellu certament, access ghar-*records* u d-dokumentazzjoni u d-*databases* tal-kumpanja.

Rigward l-**artikolu 3,** hawnhekk, ma jirrizultax li l-attur ottempera ruhu mal-obbligazzjonijiet imsemmija, ghaliex jirrizulta ampjament car, anke minn depozizzjonijiet annessi f'kazijiet ohra bejn l-istess partijiet, li l-attur ma hallasx il-kontijiet tat-telefon tal-kumpanija ghall-perjodu sakemm dam hu istitur u cjoe` sal-1997, lanqas it-trasferiment ta' dawn il-linji telefonici ma sar, tant li hu baqa' s-*subscriber*, b'konsegwenza li l-linji gew maqtughin mill-Maltacom fl-1997. In-nuqqas ta' twettiq ta' din l-obbligazzjoni tammonta ghal nuqqas ta' inadempiment tal-obbligi kontrattwali, da parti tal-attur f'dan il-kaz.

Jirrizulta li l-attur gie terminat fin-nomina tieghu ta' institur permezz ta' ittra datata 6 ta' Gunju 1997 esebita a fol 50.

Mhuwiex ikkontestat u lanqas kontradett, li Paul Caruana ma hallasx il-kontijiet ta' dawn il-linji u lanqas ittrasferixxa dawn il-linji fuq Gaerty, kif kien mitlub minnu wara t-terminazzjoni tieghu. Minn dokumenti esebiti **Dok CC29 u CC30**, konsistenti f'xhieda mill-kaz numru 629/02JA, jirrizulta evidentement kif ammess minn Paul Caruana nnifsu li kien hemm kont ta' Lm35,000 fuq il-linji telefonici. Gie wkoll ippruvat li s-socjeta` estera SCI kienet hallset lil Paul Caruana diversi ammonti, sabiex jithallsu l-kontijiet in kwistjoni izda dawn baqghu ma thallsux. Jirrizulta li l-kalkoli huma kollha kkontrollati u ezaminati mis-socjeta' *Deloitte* li kkonfermat wara li rat id-dokumentazzjoni kollha, li Paul Caruna fil-fatt, thallas ammonti ta' flus minghand is-socjeta` SCI, liema flejjes ricevuti kellhom imorru versu l-hlasijiet telefonici. Izda dan baqa' ma avverax ruhu.

Gie esebit prospett mal-affidavit ta' Rudolphe Gaerty, Dok CC25, li huwa prospett esebit minn Deloitte, li juri b'mod dettaljat a fol 108 tad-dokumenti annessi mal-affidavit ta' Gaerty, ossija **Dok XYZ**, il-hlasijiet ricevuti minn Paul Caruana. Inoltre`, a fol 109 tal-istess dokument jidher, li dak li kien dovut lil Caruana sat-terminazzjoni tieghu, gie mhallas. Difatti, kif diga espress fis-sentenza *in parte*, ta' din il-Qorti, mir-*Reconciliation of accounts* a fol 365 *et sequens*, din il-Qorti kienet diga sodisfatta li l-hlasijiet dovuti lill-atturi kienu qed isiru mis-socjeta` estera.

Illi fil-provi ulterjuri dwar il-kontro-talba, l-intimat *tramite* d-dokumenti a fol 108 u 109, ipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-hlasijiet lil Paul Caruana gew effettwati mis-socjeta` estera. Madankollu, ghalkemm hu rcieva l-hlasijiet sabiex ihallas il-kontijiet telefonici pendenti, dan baqa' ma ghamlux, kwindi ma ottemperax ruhu mal-obbligazzjonijiet tal-ftehim, esebit bhala Dok A.

Illi l-attur ma ressaq l-ebda prova biex jikkontrasta dak allegat u ppruvat mill-kontro-parti.

Inoltre`, **Eric Lindberg**, President ta' MSI International, ikkonferma wkoll fix-xhieda tieghu, li d-*database* fin-negozju in kwistjoni kienet proprjeta` ta' SCI. Hu kkonferma wkoll li tterminaw l-impjieg ta' Paul Caruana ghax kienu tilfu l-fiducja fih, u fil-fatt huma stess ghazlu lil Rudolphe Gaerty. Ikkonferma li l-pagamenti li saru minn SCI saru direttament lil Paul Caruana. u qal li d-dhul tela' b'mod drammatiku meta beda jmexxi Gaerty minflok Paul

Caruana. Ghaldaqstant, dak sostnut minn Gaerty jinsab korroborat minn dan ix-xhud.

*Di piu`*, l-attur fis-sentenza *in parte* kif deciza minn din il-Qorti, kif preseduta, ma rnexxilux jipprova l-qerq jew *dolo* da parti tal-intimat Rudolph Gaerty, *stante* li dak sostnut minnu kienu semplici allegazzjonijiet. Ghall-kuntrarju, jirrizulta mill-assjem tal-provi u mir-rizultanzi fattwali, li kien Paul Caruna innifsu li ma kienx qed jagixxi in *buona fede*. Il-prova li hu kien thallas mis-socjeta estera sabiex jaffettwa hlasijiet li kellu jaghmel *ai termini* tal-ftehim, Dok A, saret u hi sorretta b'dokumenti awditjati ta' *Deloitte.* Illi kif diga inghad, diga kien hemm prova fl-*accounts* a fol 365 *et sequens* u a fol 369, fejn ic-*Chief Financial Officer* tal-kumpanija estera MSI, specifikatament qal li SCI hallset l-obbligi taghha skont l-artikolu 6 tal-ftehim. *Nonostante* dan, l-attur Paul Caruana, baqa' ma hallasx il-pagamenti dovuti minnu, liema obbligazzjoni kienet tispetta lilu, ladarba rcieva l-hlas dovut ghal dawn l-obbligazzjonijiet li kellu jhallas.

Illi fil-kaz **Mario Micallef vs Jude Taddeo Catania et**, deciz mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Mejju 2015, gie ribadit:

*"Issa hu veru li min jagixxi bi ksur ta' patt kuntrattwali hu responsabbli ghad-danni, anke jekk ma jigix ippruvat ghemil doluz….".*

Dan qed jigi kkwotat, ghaliex anke kieku ghall-grazzja tal-argument, l-attur Paul Caruana kien qed jagixxi *in buona fede,* ghalkemm ma rnexxilux jipprova dan ghas-

sodisfazzjon ta' din il-Qorti, ladarba hu agixxa bi ksur ghall-ftehim kuntrattwali datat 16 ta' Gunju 1997, xorta wahda hu responsabbli ghad-danni kkagunati.

**L-Artikolu 993 tal-Kap 16** jiddisponi:

*"Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skont ix-xorta taghha, bl-ekwita`, bl-uzu jew bil-ligi".*

Fil-kawza, **Mark Calleja Urry et. vs Joseph Portelli et** – Qorti Appell moghti fis-sena 2011, il-Qorti kkwotat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fejn qalet li:

"…..*il-principju jibqa' l-istess, cioe` dak tal-liberta` kuntrattwali bil-korollarju tieghu li l-eccezzjonijiet ghal dik il-liberta` m'ghandhomx jigu estizi li hemm mil-limiti tal-ligi li tistabilixxi l-eccezzjoni…..Il-Kodici Civili li jaghti lill-kuntratti maghmulin skont il-ligi is-sahha tal-ligi stess, li hija l-aqwa ligi, cioe` l-ligi tal-partijiet, il-mezz u l-mizura tal-indipendenza personali taghhom fil-kamp kontrattwali, u li ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin jew ghal ragunijiet mgharufin fil-ligi."*

Gie sostnut ukoll, li minhabba l-inadempjenza ta' Paul Caruana mal-obbligi elenkati fl-artikolu 3 tal-ftehim Dok A, intilfu kuntatti telefonici, kif ukoll il-'*goodwill*' tan-negozju *stante*, li l-linji telefonici kien l-unika mezz ta' komunikazzjoni mal-klijenti. B'hekk, gie sostnut li malli nqatghu l-linji, il-'goodwill' li kien inbena sakemm inqatghu

l-linji, sfaxxa, billi ntilef il-*goodwill* ezistenti u dak li kienu bnew fuqu minn meta kien qed jigi gestit in-negozju fiz-zmien il-gdid wara t-terminazzjoni ta' Paul Caruana, bhala institur.

Illi kif inghad mill-awdituri Deloitte fid-dokument mahluf XYZ fuq imsemmi "*The importance of telephone line/numbers cannot be understated at a time when these lines were the principal means of communications by the AE's with existing and potential candidates and clients. One must bear in mind that at the time emails and the internet were still in their infancy. Telephone lines were therefore the only means by which candidates and clients, which were exclusively overseas, could get in contact and communicate with the AE's.*"

Din il-Qorti taqbel li t-trasferiment tal-linji telefonici kienet parti integrali mill-istruttura u konsegwenzjali avvjament tan-negozju li kien l-oggett tal-ftehim bejn il-kontendenti u li n-nuqqas tar-rikorrent li jadempixxi ruhu mal-obbligi tieghu kien wiehed gravi li minnhabba f'hekk il-konvenut garrab id-danni.

**<u>Danni:</u>**

Referibbilment ghad-danni mitluba fit-talba rikonvenzjonali tal-intimat, trid issir referenza ghall-prospett esebit fl-atti tal-kaz, Dok XYZ (fol 542-546).

**Danni kwantifikabbli:**

Illi jinsabu elenkati d-danni kwantifikabbli, konsistenti f'ammonti u hlasijiet li thallsu lil Paul Caruana mis-socjeta` estera.

Id-dannu finanzjarju soffert minhabba li Caruana ma onorax l-obbligi tieghu jammontaw ghal €69,881 (Lm30,000), l-ammont li thallas lilu fi hlasijiet bhala rigal ghac-cessjoni ta' negozju ('*one sum payment'*), liema negozju ghalkemm trasferit, gie stultifikat fl-operat tieghu *stante* l-inadempjenza tal-attur.

Inoltre` qed jintalab ukoll ir-rifuzjoni tal-*commissions* ta' 5% fuq l-ammont ta' £2,186,026.10, negozju li gie konkluz wara d-data tal-qtugh tal-linji, meta, allura, tali *commissions* kienu frott tal-attivita' indipendenti tal-konvenut-

| | | |
|---|---|---|
| Somma (*One time payment*) (rapprezentanti Lm30,000) | - | €69,881 |
| Ammonti ta' kummissjonijiet imhallsa lil Paul Caruana | - | €145,394 |
| **Total:** | | **€215,275** |

**Danni mhux kwantifikabbli:**

**Dawn gew elenkati skont is-segwent:-**

1. Illi minhabba l-bidla fin-numri tat-telefon, wara li nqatghu l-linji mill-Maltacom, klijenti li kienu in kuntatt sad-

data qabel inqatghu l-linji ma kellhomx mezz biex jaghmlu kuntatt.

2. Kuntatti ta’ negozju u referementi li saru *tramite* l-linji telefonici pre-ezistenti gew mitlufa u distrutti b’detriment ghan-negozju.

Ghalkemm, dan l-aspett tad-danni mhux kwantifikabbli ma giex ippruvat fid-dettal, kuntrarjament ghad-danni kwantifikabbli, din il-Qorti tifhem, li mal-bidla tan-numri telefonici, kien hemm dannu u telfien ta’ kuntatti sakemm in-negozju rega' beda jahdem bil-linji telefonici godda. Inotre` jirrizulta mill-assjem tal-provi li meta nbidlu l-linji telefonici, kellu jitbiddel ukoll l-ufficju.

Kif gie sottomess mid-difensur tal-intimat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu b'konsegwenza tal-agir tal-attur il-konvenut ma setax jaghmel uzu mil-linji telefonici ghal ben 16-il xahar sa meta gew sospizi il-linji f'Ottubru 1998 u b'hekk dan kellu impatt fuq l-avvjament. Inoltre unikament b'konsegwenza tal-agir tal-attur hu tilef ir-rapprezentanza ta' SCI wara 31 xahar.

Illi fid-dawl ta' dan kollu premess, din il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tapplika l-kuncett ta' likwidazzjoni tad-danni imsemmija fuq bazi *arbitrio boni viri*. L-intimat isostni li dam igawdi l-avvjament biss ghall-32 xahar mentri skont il-ftehim kellu jigi garantit 63-il xahar (hames snin u tlett xhur) u jikkalkula d-danni abbazi ta' qligh ta' madwar 15% fuq

€2miljuni fis-sena[3] cioe` rata ta' circa €300,000 fis-sena ghar-rimanenti 31 xahar.

Izda din il-Qorti ma tistax tilqa' din is-sottomissjoni. Aparti li l-andament tan-negozju mhu qatt kostanti, tinnota li lanqas l-awdituri Deloitte ma ttentawx li jivvalutaw l-avvjament mitluf minkejja li dahhlu b'mod approfondit fil-kontabilita' tan-negozju tal-intimat.

Ghalkemm jirrizulta li l-portata tan-negozju kien wiehed sostanzjali, din il-Qorti hija tal-fehma li gialadarba qed tezercita diskrezzjoni abbazi tal-*arbitrio boni viri,* u fil-mankanza ta' prova korroboranti dwar il - *quantum* qed tillikwida dawn id-danni fl-ammont ta' ghoxrin elf ewro (€20,000) li jidhrilha huwa ammont proporzjonat tenut kont il-bazi ta' dan l-ezercizzju.

**Imghaxijiet**

Illi l-intimat jikkontendi li l-imghaxijiet ghandhom jiddekorru mid-data tal-prezentata tal-kontro-talba relattiva jew fl-aghar ipotezi, mid-data li gew imressqa l-provi tieghu.

Il-provvedimenti legali li jirregolaw l-applikazzjoni ta' imghax insibuhom fl-**artikoli 1139** *et sequitur* tal-Kodici Civili.

**L-Artikolu 1139** jiddisponi li "*jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bhala oggett il-hlas ta' somma determinata, d-danni li*

---

[3] Wasal ghal din il-figura billi ikkapitalizza l-*commission* imhallas lill-attur ta' €145,394 ghall-16-il xahar imsemmija bir-rata ta' 5%.

*jigu mid-dewmien ta' l-ezekuzzjoni taghha jkunu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq is-somma li jkollha tinghata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena."*

**L-Artikolu 1141** jiddisponi li:

(1) "*Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummercjali jew jekk il-ligi tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu ipso jure, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tigi ezegwita."* u

(2) "*F'kull kaz iehor, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dakinhar illi ssir sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju, ghalkemm fil-ftehim ikun gie stabbilit zmien ghall-ezekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni."*

Illi l-obbligazzjoni ghall-hlas trid tigi segwita b'att interpellatorju ghall-hlas kif inhu rikjest **mill-artiklu 1141(2) tal-Kap.16*.*** Difatti l-Qrati taghna huma konkordi li l-imghaxijiet moratorji ma jibdewx jiddekorru qabel ma ssir interpellazzjoni ghall-hlas skont il-ligi, u sakemm issir tali interpellazzjoni, huwa prezunt li l-kreditur ikun irrinunzja ghall-imghaxijiet (Ara ad. ezempju **Brigadier John Bell McCance O.B.E. noe v. Antonio Sammut** (App.Civ.14 ta' Marzu 1949 - XXXIII-I-439). Din l-interpellazzjoni ghandha tkun cara u inekwivoka - **Francis Spiteri vs Carmel Mangion** (App.Inf.Imh.J. Caruana Curran -7 ta' Novembru 1979); madanakollu "*A skans ta' ekwivoci, huwa utili illi jinghad illi dina l-Qorti hija ukoll tal-fehma illi l-kliem "sejha ghall-hlas" fic-citat artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili jirreferi ghall-hlas tal-kapital u mhux ta' l-imghax fuqu u illi,*

*konsegwentement, meta, bhal fil-kaz odjern, tkun saret it-talba b'att gudizzjarju ghall-hlas tal-kapital, jibda jiddekorri 'ope legis' l-imghax fuq l-istess kapital"*- **Costantino Abela vs George Azzopardi** (App.Civ.7 ta' Ottubru 2005).

Illi d-danni li qed jintalbu jikkoncernaw r-rifuzjoni tas-somma imhallsa fuq il-ftehim u ta' *commissions* li wkoll gew imhallsa lill-attur u dan kollu fil-kuntest ta' ftehim u operat kummercjali. Illi ghalhekk l-imghaxijiet fuq dawn is-somom ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tal-prezentata tat-Talba Rikonvenzjonali u cioe` mid-9 ta' April 2001.

**Ghar-rigward tal-ammont likwidat ta' €20,000, izda, din il-Qorti ser takkorda l-imghaxijiet mid-data tas-sentenza billi dawn gew likwidati f'dawn il-proceduri.**

**Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talbiet tal-intimat rikonvenzjonant, u in segwitu tichad l-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat**.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' l-eccezzjonijiet rimanenti ta' Rudolphe Gaerty, tichad it-talbiet rimanenti tar-rikorrent Paul Caruana kif ukoll l-eccezzjonijiet tieghu ghall-Kontro-Talba ghar-ragunijiet spjegati, u, filwaqt li tiddikjara li Paul Caruana huwa responsabbli ghad-danni kkagunati lill-konvenut Rudolphe Gaerty *stante* ksur tal-obbligi kontrattwali tieghu

skont il-ftehim datat is-16 ta' Gunju 1997**,** **tilqa'** t-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant kif gej:

1. **Tilqa'** l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat Rudolphe Gaerty garrab telf finanzjarju minhabba nuqqas serju tal-attur.

2. **Tilqa'** t-tieni talba u tillikwida l-ammont ta' danni sofferti minnu fl-ammont ta' mitejn u hamsa u tletin elf, mitejn u hamsa u sebghin ewro (**€235,275**);

3. Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenut l-ammont ta' mitejn u hamsa u tletin elf, mitejn u hamsa u sebghin ewro (**€235,275**) flimkien mal-imghaxijiet legali dekoribbli fuq l-ammont ta' **€215,275** mid-data tal-prezentata tat-Talba Rikonvenzjonali u fuq il-bilanc ta' ghoxrin elf ewro **(€20,000)** dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza;

**L-ispejjez jithallsu mill-attur.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**22 ta' Marzu 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**22 ta' Marzu 2018**